# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DECIZJONI NRU 1404

Kaz Nru 1712

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Austin Grech

u

St George's Catering Ltd

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 15 ta' April 2003

**Chairman: is-sur Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-kaz gie akkonjizzjoni tat-Tribunal Industrijali meta l-Onorevoli Vici-Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali irriferih b'ittra datata 30 ta' Settembru 2002 b'riferenza MSP/TI/93/2002. Dana wara li l-Avukatessa Kathleen Zarb Adami kienet kitbet lill-Onorevoli Ministru fl-24 ta' Settembru 2002 f'isem Austin Grech fejn allegat li l-istess Grech kien gie licenzjat illegalment mis-socjeta' St George's Catering Ltd fl-ahhar ta' Lulju 2002. Is-socjeta' St George's Catering Ltd rapprezentata mis-sur Mark Spiteri, assistit mill-Avukatessa Claire Bonello, innegat dan peress li skond hi l-Appellant kien licenzjat ghax safa' *redundant*. Inzammu tmien seduti.

## 2. Fatti tal-kaz

Is-sur Mark Spiteri li kien jiggestixxi diversi *outlets* tal-Kumpanija Appellata ghal ragunijiet li kellhom x'jaqsmu mall-andament tan-negozju tal-*gym* iddecida li jwilli l-avvjament tieghu u qabel ma ghamel dan deherlu li kellu jittermina x-xoghol ta' *gym instructor* li kien jaghmel l-Appellant u joffrilu post alternattiv ma' *outlet* iehor tal-istess gestjoni. L-Appellant, li irrifjuta l-post alternattiv ghax ma jaqbilx mall-kwalifiki tieghu, irritjena li t-twellija kienet *messa in scena* biex huwa jisfa imkecci.

## 3. Kunsiderazzjonijiet

It-tezi tal-Kumpanijja Appellata kienet li l-licenzjament tal-Appellant kien ghal raguni ta' *redundancy* u ghalhekk it-Tribunal Industrijali kien prekluz milli jisma u jaqta' dan il-kaz. L-Appellant mill-banda l-ohra jallega li t-twellija tal-*outlet* kienet wahda fittizja u sotterfugju biex jigi licenzjat hu. Bhala sostenn ta' dan hemm il-fatt li l-*outlet* gie imwelli lill-oht l-istess Spiteri, li din damet xhur biex tottempra ruhha mar-regoli tal-VAT, u li *in realta`* s-sur Spiteri baqa' responsabbli ghall-istess *gym*.

It-Tribunal irid l-ewwelnett jaccerta ruhu li fil-fatt kienx hemm *redundancy*, ghax jekk dan jirrizulta huwa mhux kompetenti jisma u jaqta l-kaz. Irid jinghad qabel kollox illi s-sur Mark Spiteri, l-ex principal tal-Appellant, kien jiggestixxi l-*outlets* kollha tal-Kumpanija Appellata. Huwa kellu d-dritt illi jista jekk irid jissullokhom. It-Tribunal Industrijali anke diversament presjedut kemm il-darba stqarr illi t-tmexxija ta' impriza hija f'idejn il-*Management* taghha li ghandu kull dritt anzi l-obbligu li jmexxiha bl-ahjar mod possibbli biex taghmel qliegh u anke biex finalment tipproteggi wkoll l-impiegi tal-haddiema taghha. Ghaldaqstant jekk l-imprenditur jidhirlu li xi branka jew sezzjoni tax-xoghol ma tkunx miexja sewwa, jew mhux b'mod redditizju, kellu d-dritt u forsi anke l-obbligu li jaghlaqha jew jiddisponi minnha. U dana fid-diskrezzjoni assoluta tieghu. Ma hemmx bzonn jinghad illi f'dan il-process id-drittijiet kollha tal-impjegati iridu jigu skrupolozament rispettati.

Fil-kaz in ezami s-sur Spiteri ried iwelli n-negozju tal-*gym*. Huwa veru li wellih lill-ohtu izda huwa veru wkoll li ingiebu provi li kien hemm fil-fatt transazzjoni finanzjarja. It-Tribunal ma hassx li ghandu jezamina minuzjozament kif saru t-trattattivi u fil-fatt kemm damet ma ottemprat ruha oht is-sur Spiteri mar-regoli tal-VAT etc ghas-semplici raguni li ma jirrizultax *prima facie* li t-twellija kienet qed issir biex jigi terminat l-impieg tas-sur Austin Grech. Tant hu hekk illi meta kien se jispicca x-xoghol tal-Appellant huwa gie offrut post iehor alternattiv bl-istess kundizzjonijiet. Dana fil-fatt gie konfermat kemm mis-sur Spiteri kif ukoll mill-Appellant stess. Huwa veru li x-xoghol kien ta' natura inferjuri izda l-kundizzjonijiet tax-xoghol kienu se jibqghu l-istess. Wiehed kwazi jista jasal ghal konkluzjoni li s-sur Grech kien offrut forma ta' *transfer* u mhux licenzjament. Kien wara li s-sur Grech ghar-ragunijiet tieghu ma accettax il-post il-gdid li safa' licenzjat.

Din it-tezi tal-Kumpanija Appellata tissahhah ukoll minhabba l-fatt li gie accettat li jithallas *notice money*. Jekk dan fil-fatt thallasx jew le mhux kompitu tat-Tribunal li jidhol fih. Il-Kumpanija Appellata setghet kieku riedet taghti t-*transfer* u kien ikun l-Appellant li mbaghad jirrizenja mill-post il-gdid jekk ma joghogbux. Difatti kien hemm accenn ghal dan fl-ittra tas-sur Spiteri anke jekk dan rabatha erronjament mal-hlas tan-*notice*.

Fl-ahhar nett irid jinghad illi r-relazzjoni kontrattwali li kienet tezizti bejn l-Appellant u l-Kumpanija Appellata waqt li giet terminata ghad ghandha effett residwu. Dana huwa li l-Appellant ikollu dritt ta' ri-impieg jekk il-post li kien jokkupa jerga jsir disponibbli sa zmien sena mill-licenzjament tieghu u dana skond l-artikolu 34(3) tal-Att li jirregola il-Kondizzjonijiet tal-Impieg (Kap135).

**4. Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddecidi li l-licenzjament tal-Appellant Austin Grech minn mall-Kumpanija Appellata St George's Catering Ltd kien ghal-ruguni ta' *redundancy* u ghaldaqstant l-istess Tribunal mhux kompetenti li jaqta' dan il-kaz.

B'hekk jintemm dan il-kaz

**5. Drittijiet**

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali nru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet dovuti lil kull min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wahda.

Franco Masini
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja